

# familja

Ħarġa Numru 9 • April 2020

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

*familja.media@gov.mt*

## Rivista 'Familja'

hi proġett tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ online kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello,
MFCS Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Operations Directorate,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna. Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà.

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/Pages/FamiljaMagazine.aspx**

# Ħajr lill-kontributuri


05 **L-Onorevoli Dr Michael Falzon**
Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

06 **L-Onorevoli Silvio Parnis**
Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità

10 **Is-Sur Mark Musù**
Segretarju Permanenti fil-Ministeru

13 **Is-Sur Matthew Vella**
Kap Eżekuttiv tal-Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

14 **Is-Sa Pauline Miceli**
Kummissarju tat-Tfal - MFCS

15 **Is-Sur Emanuel Muscat**
Riċerkatur

16 **Is-Sur Joseph Delicata**
Assistent Direttur (Support Services)
Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità

17 **Is-Sa Karen Farrugia**
Manager II (Research) - IAU

18 **Is-Sa Doris Zammit**
Xandara veterana

20 **Is-Sa Melissa Pace**
Seniou Executive 1 -Marketing
Aħenzija Sapport

22 **Is-Sa Sandra Borg**
Communications Manager
Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

24 **Is-Sur George Zammit**
Gwida u Lajk

25 **Is-Sur Vince Tonna**
Senior Social Worker

26 **Is-Sur Tony Micallef**
Koordinatur u PR tal-Bank tad-Demm

27 **Is-Sur Tonio Bonello**
Ġurnalist

28 **Is-Sa Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

29 **Is-Sur Steve Libreri**
Direttur (Srrvizzi Ħarsien tat-Tfal)

32 **Is-Sa Joyce Grech**
Assistent Direttur (Policy Development & Programme Implementation

34 **Is-Sur Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

36 **Is-Sa Marisa Vella**
Operations Executive


# Ħajr ukoll lil

**Is-Sur Joseph Cachia**
Konsulent
fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

**Is-Sur Stefan Borg**
Communications Coordinator
tal-Onor. Ministru Michael Falzon
FCS

**Is-Sur Daniel Ciappara**
Communications Coordinator
tal-Onor. Segretarju Parlamentari
Silvio Parnis
MFCS

**Is-Sa Letizia Buttigieg**
Head of Communications
Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

**Is-Sa Suzanne Garcia Imbernon**
Task Manager
Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal

**Is-Sa Remenda Grech**
Direttur - Appoġġ

**Is-Sur Archibald Attard**
Officer in Scale 10

**Is-Sur Godwin Borg**
Muntaġġ u Grafika



**Agħti d-demm**
**illum**
**Għada jista' jkun tard**

**2206 6201**

**GRAZZI**

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS
Corporate Communications Manager

## Kelmtejn ta' merħba u grazzi



F'dawn l-aħħar ġimgħat sar tibdil, kemm fit-tmexxija tal-Gvern ċentrali, kif ukoll f'dawk li huma dekasteri. B'effett mit-Tnejn 13 ta' Jannar 2020, l-Avukat Robert Abela nħatar Prim Ministru ta' Malta bħala l-14-il Prim Ministru ta' dan il-pajjiż.

Robert Abela twieled nhar il-7 ta' Diċembru 1977 fil-lokalità ta' Tas-Sliema. Gradwa bħala Avukat mill-Università ta' Malta fl-2002 u hu iben Margaret u George Abela li, dan tal-aħħar, fil-karriera tiegħu serva wkoll bħala President ta' Malta bejn l-4 ta' April 2009 u l-4 ta' April 2014.

Il-Prim Ministru Abela hu miżżewweġ lil Lydia nèe Zerafa, avukata wkoll u għandhom tifla li semmew Giorgia Mae. Robert Abela għandu wkoll oħtu bl-isem ta' Maria.

Jumejn wara l-ġurament tal-ħatra, l-Prim Ministru Abela għażel il-kabinett il-ġdid tiegħu li fih kienu esegwiti diversi bidliet.



Fost dawn kien hemm bidla interna fi ħdan dan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali fejn l-Onorevoli Silvio Parnis inħatar Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità.

Parnis għandu warajh snin twal ta' ħidma u esperjenza f'dan il-qasam, kif ukoll fil-kuntest soċjali ħolistiku ta' dawn il-gżejjer. L-Onorevoli Parnis ilu jiġi elett fl-elezzjonijiet ġenerali sa mill-1998 u serva bħala Sindku ta' Raħal Ġdid għal erba' snin bejn l-1994 u l-1998.

Minn dawn il-paġni nagħti merħba u nawgura l-ħidma tajba lill-Prim Ministru Robert Abela, kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis waqt li nirringrazzja lill-Onorevoli Roderick Galdes u lill-Onorevoli Anthony Agius Decelis tal-ħidma li wettqu kemm damu jservu bħala Segretarji Parlamentari f'dan il-Ministeru u nawguralhom ir-risq fil-ħidma l-ġdida li tagħha ingħataw responsabbiltà.




## Kun Infurmat > Family.gov.mt + YouTube

F'dawn l-aħħar xhur permezz tas-sit uffiċjali, family.gov.mt u kif ukoll b'filmati li jistgħu jiġu faċilment misjuba fuq YouTube channel, il-pubbliku qed jiġi nfurmat b'servizzi, benefiċċji u/jew inizjattivi ġodda li jkunu qed jittieħdu minn dan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

L-aħħar aħbarijiet, miżuri, stqarrijiet u aktar issa huma aċċessibbli għalik bl-aktar mod faċli permezz ta' xandiriet ta' ftit minuti dwar dak li tinħtieġ tkun taf.

Għalhekk, hu opportunità int ukoll u kun af dwar dak kollu li jista' jolqot lilek direttament jew familjari tiegħek b'mod spjegat, konċiż u x'ħin trid permezz tat-taqsima; Latest li ssib fis-sit; family.gov.mt

# Irridu soċjetà li tagħmilna kburin



**L-Onor. Michael Falzon**

Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal
u Solidarjetà Soċjali

Ħbieb,

Qed ngħixu fi żmien li jagħmilna kburin illi aħna  Maltin, dan għar-raġuni li qed nkomplu niksbu ċerifikati ekonomiċi pożitivvi mill-aġenziji ta' kreditu internazzjonali. L-iktar importanti huwa li dan il-ġid qed jasal għand il-familji, f'kull livell tas-soċjeta'. Il-miżuri soċjali li tħabbru fil-baġits preċedenti qed jimmaterjalizaw f'ħajja iktar komda u opportunitajiet ġodda t'impjiegi u livell ta' ħajja aħjar.

Infakkar li kull persuna qed tibbenefika minn €3.49 kull gimgħa (COLA), filwaqt li tqassam ukoll il-'One-off bonus', li jvarja minn €15 sa €35 għal kull dar. Dan fl-istess waqt li ser jerġa jingħata 'tax refund' għat-tielet sena konsekuttiva, b'għotjiet bejn l-€40 u €68, għal 200,000 persuna li jaħdmu.

Irridu naraw li nippremjaw il-familji bieżla filwaqt li ngħinu oħrajn vulnerabbli. Naqqasna r-rata ta' taxxa minn 35% għal 15%,  għall-ewwel 100 siegħa over-time għal min jaqla anqas minn €20,000 fis-sena.

Nemmnu li għandna ninkoraġixxu t-tkabbir tal-familji, u għalhekk ser nagħtu bonus ta' €300 bonus għal kull tarbija li titwieled jew adottata.

Irridu nkomplu ntejjbu l-livell tal-ħajja tal-familji tagħna u għalhekk żammejna miżuri bħaċ-'childcare' b'xejn, l-'In-work Benefit' u t-'Tapering of Benefits', miżuri li lkoll żiedu l-preżenza tal-persuni fid-dinja tx-xogħol, speċjalment nisa. Iżda ma rridux biss li noħolqu klima fejn tirrenja l-bżulija u xogħol, riedna ukoll li nagħtu ħajja ta' kwalita' lill-familji tagħna.

Tajna żieda oħra ta' ġurnata 'leave' għall-impjegati kollha, biex b'hekk tajna it-tielet ġurnata leave fi tliet snin. Nemmnu li l-aqwa mod ta' serenita' u kuntentizza huwa permezz ta' bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-familja.

Il-familja hija ċ-ċentru ta' kollox u kommessi li nkomplu nsaħħu dak kollu marbut magħhom. Irridu naraw li jkollna soċjeta' li tagħmilna kburin kemm bil-livell ta' ħajja li ngħixu kif ukoll bil-valuri b'saħħithom li jagħmlu l-poplu Malti u Għawdxi differenti minn oħrajn.





*Ritratt: DOI*
*Omar Camilleri*

# Intervista mal-Onorevoli Silvio Parnis

## Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità


**Tonio Bonello**
Editur Media MFCS


- **Linja ta' għajnuna għall-anzjani u persuni b'diżabilità li qed jgħixu f'solitudni**
- **Prijorità biex persuni b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ anke f'postijiet kummerċjali**
- **Anzjani fid-Djar tal-Gvern se jkunu jistgħu jwasslu l-ilmenti tagħhom b'mod anonimu**
- **Se tiġi fi tmiem il-lista ta' stennija biex persuna tkun tistà tidħol f'Dar tal-Anzjani**
- **Pjanat titjib u tisħiħ tas-servizz tal-Handyman**
- **Se tkun imnedija skema ta' trasport mal-Kunsilli Lokali biex iwasslu l-anzjani fejn meħtieġ**
- **Infrastruttura ġdida fid-Djar tal-Anzjani biex ir-residenti jkollhom aċċess għat-teknoloġija**
- **Inċentivi ġodda biex l-anzjani jibdew jagħmlu użu minn stabbilimenti kummerċjali u possibbilment jivjaġġaw bi prezzijiet issussidjati**

Fil-bidla tat-tmexxija tal-Gvern Ċentrali lejn nofs Jannar, sar ukoll tibdil f'numru ta' Ministeri u d-dekasteri tagħhom rispettivament. Fost dawn, ħatra ġdida għal kumplament ta' din il-leġislatura kienet dik tal-Onorevoli Silvio Parnis bħala Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u Persuni b'Diżabilità.

FAMILJA ħa ħsieb jagħmel din l-ewwel intervista mas-Segretarju Parlamentari Parnis li għoġbu jilqagħna fis-Segretarjat tiegħu f'Palazzo Ferreria, il-Belt. Fost l-oħrajn, staqsejnieh:

**Xi tkopri l-ħidma tiegħek li inti esegwejt matul ħajtek fil-kuntest tal-qasam tal-kura tal-persuni anzjani u dawk b'diżabilità?**

Jien ilni f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar 25 sena. Kont bdejt bil-programmi, dak iż-żmien, "Problemi tal-Qalb" fuq l-istazzjon li f'dik l-epoka kien Super One u minn hemm kont bnejt rapport tajjeb ħafna mal-anzjani għaliex dan il-programm kien ta' wens kbir għalihom.

Minn hemm kibret fija dik l-imħabba lejn l-anzjani ta' dan il-pajjiż għaliex jien nemmen li, kemm l-anzjani, kif ukoll il-persuni b'diżabilità jridu jħossu li hemm xi ħadd li lest jagħtihom dik l-attenzjoni li tixirqilhom.

Imbagħad, kont bdejt niltaqa' ma' dawn l-anzjani u nkun qrib anki tal-istess familjari tagħhom u kienu jħossuhom komdi li jiftħu qalbhom miegħi u saħansitra jibku miegħi f'dak kollu li kienu jkunu għaddejjin minnu.

Nistqarr, dawn kienu episodji li lili kienu impressjonawni ħafna f'ħajti.

Aktar tard ħriġt għall-politika u kont inħtart kelliem ewlieni (shadow Minister) dwar l-anzjani. Dak iż-żmien kien Kap Dr Alfred Sant u niftakar li konna għamilna policy dwar bidla li ħassejna kienet meħtieġa fir-rigward tal-anzjani. Naturalment kien żmien li ma stajniex nattwaw dak li kellna ppjanat għaliex ma konniex fil-Gvern. Però f'dan il-qasam kont servejt bħala Kelliem għal madwar 15-il sena.

**F'Jannar ta' din is-sena, mal-ħatra ta' Prim Ministru ġdid, inti nħtart mill-ewwel bħala Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Persuni b'Diżabilità. X'kienet ir-reazzjoni tiegħek meta l-Prim Ministru Abela infurmak b'dan?**

Meta tani dan id-dekasteru, nistqarr miegħek ħassejt li kienet saret ġustizzja miegħi għal dak li fil-passat dejjem ħdimt għalih, emmint fih u li dejjem ħassejt li stajt nagħmel il-bidliet fih. Illum, b'din ir-responsabbiltà li ġejt fdat biha nħossni, mhux aktar spettatur iżda għandi parti ewlenija fejn nistà naħdem u nimplimenta. Nistà ngħidlek li wara dik il-laqgħa mal-Prim Ministru, inżilt it-taraġ ta' Kastilja b'ħafna ħsibijiet.

**Nitkellmu ħafna dwar anzjanità attiva, iżda ħafna drabi llum, bosta persuni li jirtiraw isiru nanniet u aktarx issibhom jieħdu ħsieb l'ulied uliedhom li din hi kultura sabiħa fis-soċjetà tagħna. Fl-istess ħin, bħal donnhom ikunu jridu jfittxu dak il-bilanċ ma' dak li toffri lilhom il-ħajja Maltija llum; korsijiet edukattivi bħal m'hi l-funzjoni tal-Università tat-tielet eta, sport, volontarjat, għarfien dwar l-użu u l-applikazzjoni tat-teknoloġija u aktar. Kif tara li jista' jinħoloq kompromess bejn dan kollu msemmi?**

Iva, proprju għax l-anzjanità mhix kastig iżda hija rigal. Jien ma rridx nisma' aktar kliem ta' niket minn fomm dawn ħutna anzjani bħal; "Kemm jien imdejjaq". Iż-żmien tal-anzjanità irid ikun żmien definit bħala rigal.

Biex iżda tassew ikun hekk, irridu naħdmu b'serjetà għal dan il-għan. Il-ħsibijiet tagħna huma kif b'din it-teknoloġija li għamlet bidla radikali fil-mod kif ngħixu fid-dinja llum, insibu mezz kif l-anzjani tagħna, u bl-istess qies il-persuni b'diżabilità jsiru aktar midħla tal-informatika.

Fatt li lili jinkwetani ħafna hu li bħala Gvern aħna nixtru ħafna sodod f'kuntest ta' PPP, il-kollaborazzjoni li teżisti bejn is-settur Privat u s-settur Pubbliku, iżda nħoss li xi drabi, l-anzjani tagħna forsi qed jibżgħu jitkellmu u/jew qed jibżgħu jwasslu l-ilmenti tagħhom biex ċerti affarijiet jirranġaw. Forsi għax iħossuhom se jiġu black-listed, kważi mhedda jekk jitkellmu. Nagħmilha ċara li din trid tispiċċa darba għal dejjem.

Jien ninsab impenjat biex bniedem, b'mod anonimu, kull min qiegħed fir-residenza San Vinċenz De Paul u fi Djar oħra, se jkun jista' jwassal l-ilment tiegħu jew tagħha.

Mhemmx għalfejn inkunu nafu d-dettalji privati tal-individwu imma jekk hemm l-ikel li qed ikun ħażin, jekk tħallew għal tant ħin fis-sodda, jekk il-lożor mhux jinbidlu regolarment, dawn in-nies b'din il-miżura se jkunu jistgħu jitkellmu u jiftħu qalbhom bla ebda biża'.

Nisħaqq li l-anzjanità ma tridx tkun kastig. Nemmen ukoll li, li anzjan jew anzjana tidħol f'Dar tal-Anzjani, din għandha tkun l-aħħar deċiżjoni li tirrikorri għaliha, u mhux l-ewwel!



Aħna rridu li l-anzjani tagħna jkomplu, kemm jistgħu jibqgħu jgħixu fil-komunità. Tweġġgħani mmens din l-idea, kważi ngħidilha jien, kultura fejn għandek persuni li daħlu f'Dar tal-Anzjani u li dawn jibqgħu hemm fiha sakemm imutu.

Aspett ieħor biex ngħinu għal aktar indipendenza tal-individwu hi għajnuna biex ikun aktar flessibbli b'aċċess lejn dak li anzjan jew bniedem b'diżabilità jinħtieġ u jixtieq. Irrid nara li waqt li bniedem jinsab qed jgħix f'daru, għandu jingħata u jiġi provdut bis-servizzi kollha meħtieġa, bħal eżempju trasport li jista' jwasslu sal-pjazza tar-raħal, li jista' jieħdu sal-Bank biex issarraf il-flus tal-pensjoni, u aktar.

Fid-dawl ta' dan se nkun qed naħdem mal-Ministeru kkonċernat biex toħroġ skema fejn kull Kunsill Lokali jkollu l-mezz tat-trasport tiegħu biex l-anzjani tagħna jinqalgħu mid-dar u mis-solitudni. Biex tassew, bil-fatti, jibqgħu aktar attivi fis-soċjetà.

Ma niflaħx nara li tkun waslet il-festa tar-raħal u bniedem, għax anzjan, jew għax b'xi diżabilità, għax m'għandux appoġġ mingħand ħadd u forsi ma jiflaħx, jibqa' mċaħħad milli jmur sal-pjazza tal-belt jew raħal tiegħu jew tagħha rispettivament. Konvint li servizz bħal dan se jagħmel bidla għall-aħjar fil-ħajja tan-nies.

Irridu wkoll naħsbu dwar infrastruttura denja tat-teknoloġija li teżisti llum madwarna. Fejn f'Residenza, f'Dar tal-Anzjani, bniedem ikollu aċċess sħiħ għal dawn l-avvanzi fit-teknoloġija.

Fejn l-anzjani tagħna u l-istess fejn jidħlu persuni b'diżabilità għandu jkollhom disponibbli għalihom computers, u jekk iridu dan iżda ma jafux, se jkollhom it-taħriġ addattat biex jiġu mgħallma wkoll - kif isegwu l-aħbarijiet, kif jaċċessaw programmi, kif jikkomunikaw wieħed mal-ieħor bil-computers. Għaliex le?

Bniedem ma jidħolx f'Dar tal-Anzjani biex jiekol u jorqod u jaħsluh! U daqshekk! U hawn anki se nara li jkun sfruttat b'mod tajjeb ħafna l-ambjent.



Pereżempju fil-binja tar-residenza San Vinċenz li tinsab imdawra b'tant kampanja sabiħa jinħtieġ nibdew inħeġġu l-anzjani biex, sakemm mhux jinsabu f'sodda, ikunu mħeġġa jibdew joħorġu jimxu fl-ambjent tal-madwar.

**Illum, persuni li jagħlqu s-60 sena għandhom diversi benefiċċji bl-għan li jiffaċilitawlhom il-ħajja, bħal eżempju aċċess biex jaqsmu bejn Malta u Għawdex bla ħlas u fl-użu tat-trasport pubbliku, fost oħrajn. Dawn it-tip ta' benefiċċji se jiżdiedu, forsi anki b'kollaborazzjoni ma' entitajiet privati u kummerċjali? U jekk iva, kif?**

Aħna għandna t-tendenza naħsbu li l-anzjan jieħu pjaċir għax iżżidlu l-pensjoni. Hekk hu, hija xi ħaġa tajba din u rridu nkomplu naħdmu dwar dan ukoll, iżda wasalna fi żmien fejn irridu mmorru lill hinn minn din il-mentalità.

Irridu naraw li nkomplu nżidu iżjed postijiet li meta l-anzjani jżuruhom, dawn iħallsu prezz ridott. Li jekk pereżempju sejrin iqattgħu xi jiem f'lukanda, jew saħansitra jivjaġġaw, dan kollu jkunu jistgħu jagħmluh bi prezz ridott.

Hu f'dan il-kuntest li se nara li se nkun qed naħdem b'rieda qawwija sabiex il-Kartanzjan terġà tieħu l-ħajja u s-servizzi biha jkunu aktar diversifikati u relevanti. Fejn bniedem se jkun jista' jmur anki jiekol f'restorant bi prezz anqas.

Sinċerament nemmen li b'miżuri bħal dawn lil persuna anzjana u bniedem b'diżabilità tista' verament tħeġġu,

timmotivah biex joħroġ aktar minn daru, biex ikun jista' joħroġ tassew minn dik is-solitudni li jinsab fiha.

Dawn huma l-kunċetti ġodda ta' kif se naqilgħu lill-anzjani tagħna mid-djar u nħeġġuhom biex jibdew jitħalltu u jibdew jissoċjalizzaw mill-ġdid.

**Matul dawn is-snin pajjiżna għamel avvanzi kbar, anke fil-kura u s-servizzi lejn l-anzjani u l-persuni b'diżabilità. Hemm iżda xi aspetti partikolari f'din il-mixja li sal-lum, fl-opinjoni tiegħek, għad mhumiex indirizzati, jew li jinħtieġ aktar aċċenn dwarhom?**

Wieħed mis-servizzi elwenin li se nkunu qed intejbu u nsaħħu hu bla dubju ta' xejn is-servizz tal-Handyman. Meta ltqajt mal-Prim Ministru Abela u konna qed nitkellmu dwar il-qasam tal-anzjani, wieħed mill-punti li proprju aċċena dwaru kien is-servizz tal-Handyman u qalli li kien se jagħtini dik l-għodda kollha neċċessarja biex naħdem dwar dan.

**Biex nagħti eżempju, jeżisti s-servizz tal-Helpline 179 primarjament iffukat dwar abbuż fuq tfal. Forsi wasal iż-żmien li l-anzjani wkoll ikollhom Helpline tindirizza l-problemi tagħhom ukoll?...**

Diġà teżisti linja ta' għajnuna fir-rigward ta' persuni bil-kundizzjoni tad-dimensja però hemm aktar xi jsir bla dubju. Fost dawn pereżempju t-tisħiħ tat-Telecare. Għad hemm ħafna servizzi wkoll li huma provduti (xejn anqas minn dsatax) iżda li n-nies hemm barra qajla jafu bihom.

Waħda mill-affarijiet ewlenin li se nkun qed naħdem dwarha bil-kbir hi s-solitudni għaliex min jinsab f'dan l-istat ma jgħidx li hu hekk. Jeżistu ħafna nies li jinsabu magħluqin id-dar li m'għandhom lil ħadd, jew inkella li abbandunahom kulħadd.

F'dan id-dawl se nagħmlu kampanja qawwija ta' pubbliċità fuq il-mezzi l-aktar imfittxija mill-anzjani tagħna - ir-radju u t-televiżjoni u fejn bniedem jista' jċempel fuq it-tali numru u jirraporta li jkun qed jgħix fis-solitudni.

Permezz ta' Social Workers imbagħad naraw dawk li verament jinsabu f'sitwazzjoni ta' solitudni u dawn se nieħu ħsiebhom. Għandna l-Welfare Committee b'budget ta' €3.7 miljun u permezz ta' dawn il-mezzi, nittama li se nkunu verament qrib ta' tant nies f'dawn is-sitwazzjonijiet xejn feliċi.

Il-kunċett ta' anzjanità jrid jinbidel kompletament. L-anzjanità ma jfissirx li għandek bniedem u ddaħħlu f'Dar. In-nies għandhom jibdew iħossuhom kburin li saru anzjani, mhux bil-kontra, li bħal donnu t-tmiem tagħhom wasal!

**Ninsabu proprju fit-tieni nofs ta' din il-leġislatura. X'inhuma l-miri ewlenin li dwarhom se tiffoka u timplimenta? U fejn trid tasal fl-oqsma li għalihom inti responsabbli?**

Żgur li sa tmiem din il-leġislatura rridu nkunu neħħejna l-lista ta' stennija biex persuna tkun tistà tidħol f'Dar tal-Anzjani.

Idejjaqni l-fatt ukoll, din tal-persuni b'diżabilità. Qed nitkellem issa f'kuntest kummerċjali. Bħal donnu l-kunċett jasal biss sal-vetrina għaliex mill-vetrina 'l ġewwa għad m'hemmx aċċess għal dawn il-persuni.

Nemmen bis-sħiħ li s-sens veru ta' aċċess b'risq il-persuni b'diżabilità f'pajjiżna jrid jimmaterjalizza. Irid jidħol fis-seħħ tassew u ma jdumx. Il-persuni b'diżabilità se jkun prijorità fil-ħidma ta' dan is-segretarjat.


PHOTO: DOI - Omar Camilleri

*F'isem l-amministrazzjoni u l-istaff kollu ta' dan il-Ministeru nifraħ mill-ġdid lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis u nawguralu l-ħidma t-tajba.*



# Ħidma kbira biex jitwettqu l-miżuri soċjali ta' din is-sena

**Mark Musù**

Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali

Il-ġimgħat ta' wara t-tħabbir u l-approvazzjoni tal-baġit u dawk fil-bidu ta' kull sena huwa perjodu mpenjattiv għall-Ministeru tagħna. Dan għaliex l-uffiċjali u l-impjegati ikkonċernati flimkien ma' impjegati tal-MITA iħabirku biex iħaddmu u jmexxu l-proċess amministrattiv sabiex it-titjib imnissel mill-miżuri soċjali ġodda jasal għand il-benefiċċjarji bl-anqas dewmien possibbli.

Frott ta' din il-ħidma lejn l-aħħar tal-2019 u fil-bidu ta' din is-sena eluf ta' benefiċċjarji, l-aktar pensjonanti u anzjani, irċevew il-ħlasijiet riveduti skont il-miżuri li bdew jitwettqu gradwalment.

Bdejna bil-ħlas lejn tmiem l-2019 ta' aktar minn żewġ miljun ewro f'Għajnuna Supplimentari lil madwar 7,500 koppja u 'l fuq minn 14,600 persuna romol jew mhux miżżewġa. Dawk fosthom, fl-eta' ta' 65 sena jew akbar u bi dħul baxx mal-pagament tagħhom ħadu żieda ta' €50 fl-allowance addizzjonali li jingħataw kull sena.

Ix-xogħol laħaq l-eqqel tiegħu f'Jannar bir-reviżjoni u l-ħlas tar-rati miżjuda lil madwar 92 elf pensjonant u pensjonanta tal-irtirar, tal-eta', tar-romol u tal-invalidita'. Ir-rati l-ġodda kienu jinkludu ż-żieda ta' €7 fil-ġimgħa, inkluż dik għall-għoli tal-ħajja. Biż-żidiet li daħlu fis-seħħ, in-nefqa totali fuq dawn il-pensjonijiet sa tmiem is-sena mistennija titla' għal aktar minn 800 miljun ewro.

Għal dawk il-persuni, l-aktar nisa, li ma kellhomx bolol biżżejjed biex jikkwalifikaw għall-pensjoni tħallsu l-bonus annwali li jvarja bejn €200 u €300. Minn din is-sena dan il-bonus se jibqa' jitħallas anke meta persuna taqbeż l-eta' ta' 75 sena. B'kollox il-madwar 13,500 benefiċjarju rċievew €3.5 miljun.

Fl-istess żmien id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ħallas l-għotja ta' €300 lil kważi 32,000 anzjan u anzjana li għandhom aktar minn 75 sena u għadhom jgħixu fi djarhom jew mal-qraba. Dawk fosthom ta' 80 sena u aktar minn din is-sena ħadu żieda ta' €50 fl-għotja tagħhom. U għall-ewwel darba din is-sena din l-għotja tħallset ukoll lill-anzjani li qegħdin jgħixu fi djar tal-anzjani privati li jħallsu għalihom huma. B'kollox bejn ċekkijiet u ħlasijiet f'kontijiet bankarji id-dipartiment ħareġ total ta' kważi €10.4 miljun.

Huwa xieraq li l-pensjonanti u l-anzjani tagħna jkunu mgħejuna u kkurati sew biex jgħaddu l-aħħar snin ta' ħajjithom kemm jista' jkun komdi u f'dinjità b'rikonoxximent ta' dak li għamlu biex mhux biss rabbew l-uliedhom iżda wkoll għas-sehem tagħhom fid-dinja tax-xogħol u fis-soċjeta' Maltija. Huwa mpenn kardinali ta' dan il-ministeru li naraw li dan iseħħ sena wara oħra permezz ta' miżuri ġodda u titjib fis-servizzi li jingħataw fil-komunità.



Daqstant importanti huwa l-impenn favur persuni b'diżabilita'. U f'dan il-kuntest din is-sena wettaqna pass sinifikanti billi ġibna fi tmiemha r-riforma mibdija fl-2017 fl-assistenza għad-diżabilita'.

Tul dawn is-snin żidna b'mod gradwali l-għajnuna li tingħata lill-persuni li assolutament ma jistgħux jaħdmu. Mill-ewwel Sibt tas-sena, kif konna wiegħdna, din l-għajnuna żdiedet mill-ġdid u laħqet l-istess livell tar-rata tal-Paga Minima Nazzjonali netta li hija ta' €161.40 fil-ġimgħa.

B'hekk din is-sena l-benefiċċjarji ser jitħallsu €8,393 – li jfisser li f'perjodu ta' 4 snin ikunu żdiedu bi €3,120. Interessanti l-fatt li fl-aħħar tlett snin in-numru ta' dawn il-persuni kiber b'aktar mid-doppju u laħaq 670.

Nista' nassigurakhom li din il-qabża ma kienitx riżultat ta' xi abbuż għaliex biex wieħed jikkwalifika għal dan il-benefiċċju jrid jgħaddi minn skrutinju ta' bord multi-dixxiplinarju skont kejlijiet adottati internazzjonalment.

It-twettiq ta' din il-miżura huwa ta' sodisfazzjon għalina għax filwaqt li mijiet ta' persuni b'diżabilita' ġew mgħejuna jidħlu fid-dinja tax-xogħol għall-ewwel darba, għarafna d-diffikultajiet u għamilna ġustizzja ma' dawk li minħabba l-impediment tagħhom bl-ebda mod ma setgħu joħorġu jaħdmu. Inħoss li b'din il-miżura għamilna differenza fil-ħajja ta' dawn il persuni.

Kien hemm miżuri oħra li twettqu s'issa, fosthom dik tal-bonus ta' €300 għall-ġenituri li jkollhom wild ġdid fil-familja. Sakemm qed nikteb dan il-messaġġ diġà mplimentajna aktar minn nofs tal-miżuri soċjali għal dis-sena. Oħrajn se jkunu qed jitwettqu fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Għal din il-ħidma nirringrazzja lil kull min qed jagħti s-sehem tiegħu jew tagħha. U grazzi kbira wkoll lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fil-Ministeru u d-dipartimenti u l-entitajiet tiegħu li mingħajrhom ma jirnexxilniex noffru daqshekk servizzi soċjali lil min jeħtieġhom.



# 112 u l-għoti tad-Demm

**Fil-11 ta' Frar ta' din is-sena kien ikkomemorat il-Jum Ewropew tal-112, bid-data li ġġib l-istess numru ta' l-jum (11) u x-xahar (2) tagħha li jagħmlu l-112. L-għan ta' dan il-jum hu li jinħoloq għarfien dwar l-importanza ta' dan in-numru biex meta tinqala' emerġenza jew diżgrazzja wieħed isejjaħ għal għajnuna professjonali f'ras il-għajn u fil-pront!**

**Meta jiskatta dan l-allarm ta' emerġenza tidħol fis-seħħ katina t'azzjonijiet biex jiġu salvati l-ħajjiet ta' persuni li jistgħu jkunu involuti. Fost dawn ikun notifikat il-Bank tad-Demm bil-possibbiltà ta' domanda kbira għad-demm.**

**Quddiem xenarju bħal dan, li nittamaw li qatt ma jseħħ, tajjeb li wieħed jiftakar f'kemm hu importanti li d-demm ikun disponibbli minn qabel ma jsseħħ id-diżgrazzja u jagħmel sens li wieħed ikun pro-attiv u jersaq biex jagħti d-demm b'mod regolari u jgħin lill-Bank, ikun preparat għal dak kollu li jista' jinqala'.**

**Waqt li wieħed jisħaq dwar l-prevenzjoni minn diżgrazzji, hu rakkomandat li kull min jista' għandu jagħti d-demm. Għal dan il-għan, iċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi Gwardamanġa qiegħed jiftaħ kuljum (7 ijiem fil-ġimgħa, inklużi l-festi pubbliċi) mit-8:00am sas-6:00pm.**

**Minn ġimgħa għall-oħra, l-Mobile Blood Donation Unit tkun qed iddur il-lokalitajiet skont programm li jkun imħabbar minn qabel. Huwa importanti li persuna tippreżenta l-Karta tal-Identità, jew il-Liċenzja tas-Sewqan jew Passaport Malti meta tersaq biex tagħti d-demm. Daqstant ieħor importanti li kull donatur iħajjar lil ħaddieħor jagħti d-demm ukoll.**



# Waqqaf it-tixrid ta' COVID-19



**Evita kuntatt direTT ma' persuna li huma morda**



**Għatti imnieħrek u ħalqek b'*tissue* jew bil-minkeb meta tisgħol jew tagħtas. Armi mal-ewwel it-*tissues* użati**



**Evita li timiss għajnejk, imnieħrek u ħalqek**



**Naddaf u iddiżinfetta oġġetti u uċuħ li jitmissu ta' spiss**



**Ibqa' d-dar meta tkun ma' tiflaħx**




**Aħsel idejk regolarment bl-ilma u s-sapun għal madwar 20 sekonda, jew b'*alcohol based hand rub***

**COVID-19 HELPLINE 111**

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

COVID-19 INFO PAGE

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

# Standards Soċjali Regolatorji għas-Servizzi ta' 'Outreach'...

## u servizzi oħra bbażati fil-komunità

**Matthew Vella**

Kap Eżekuttiv
Awtorità ta' Standards
ta' Ħarsien Soċjali

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali daħlet fis-seħħ sabiex tħares u tirregola servizzi ta' ħarsien soċjali u għalhekk tassigura li dawn qed jilħqu l-ogħla livell ta' servizz u ta' kwalità offrut lill-individwi li qed jirċievuh.

Wara li ħarġu numru ta' standards soċjali regolatorji fl-oqsma tad-diżabilità, vizzji, anzjani u tfal, l-awtorità ħasbet ukoll sabiex ikun hemm standards soċjali regolatorji għall- servizzi ta' 'Outreach' u servizzi oħra bbażati fil-komunità. Dan sar sabiex ikompli jintlaħaq l-għan aħħari li jkollna settur soċjali iktar b'saħħtu permezz ta' regolamentazzjoni.

B'dawn l-istandards, l-awtorità ser tkun qed tirregola għall-ewwel darba is-servizzi fil-komunità li jipprovdu l-intervent ta' sapport speċjalizzat, bl-għan li jintlaħqu kemm jista' jkun persuni possibbli, sabiex wieħed ikun jista' jifhem aħjar il-bżonnijiet li qed jinbidlu kontinwament.

Dawn l-istandards huma bbażati fuq il-prinċipji bażiċi tad-dinjità, privatezza, dritt għall-għażla, sigurtà, twettiq tal-potenzjal, ugwaljanza, individwalità u diversità.

L-ewwel standard iħares lejn 'Interventi ta' Sapport Personalizzati'; dan sabiex is-servizz provdut jkun ġust, trasparenti u komplut biex ikun jista' jindirizza l-bżonnijiet tal-individwi li jinbidlu kontinwament. Għandu wkoll jiġi żviluppat pjan li jqiegħed lill-individwi fiċ-ċentru tas-servizz wara li ssir evalwazzjoni ħolistika ta' kull individwu li jixtieq jipparteċipa fis-servizzi.

It-tieni standard jittratta dwar 'id-Drittijiet u Tisħiħ tal-Membri fil-Komunità', dan jassigura li l-membri fil-komunità jkollhom ħarsien ħolistiku u dinjituż bl-għan li jiġu mħarsa l-valuri tal-ġustizzja soċjali u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. It-tielet standard jiffoka fuq 'is-Saħħa u Sigurtà', fejn jara li l-provditur tas-servizz jippromovi sistemi li jassiguraw is-sigurtà tal-istaff kollhu u tal-membri fil-komunità, bl-għan aħħari li jissaħħu b'mod ġenerali l-esperjenza u l-benesseri tagħhom.

'L-immaniġġjar tad-Data u t-Tqassim tal-Informazzjoni' huma l-għan tar-raba' standard, li jassigura li l-provditur tas-servizz jirrispetta l-miżuri tal-protezzjoni tad-data meta jiġi biex juża, jipproċessa, iżomm u jqassam informazzjoni kunfidenzjali dwar membri fil-komunità.

Il-ħames standard jitkellem dwar 'Kollaborazzjoni ma' Entitajiet Varji u Relazzjonijiet Esterni', u jassigura li l-provditur tas-servizz iħeġġeġ lill-membri fil-komunità biex iżommu involviment sinifikanti fil-komunità, kif ukoll relazzjonijiet importanti għalihom jew jiżviluppaw oħrajn ġodda jekk dan ikun fl-aħjar interess tagħhom. L-aħħar standard jagħti importanza lill-'Immaniġġjar ta' Kwalità', sabiex jassiguraw li l-maniġment u l-istaff huma responsabbli biex jagħtu sapport u ħarsien ta' kwalità bl-aktar mod trasparenti.

Tajjeb li wieħed isemmi li sabiex wasalna għal din il-paġna ġdida fil-ħarsien soċjali, kien hemm konsultazzjoni wiesgħa fejn l-Awtorità tkellmet mal-provdituri tas-servizz, mal-professjonisti u ma' min jirċievi s-servizz.

L-Istandards soċjali regolatorji għas-Servizzi tal-'Outreach' u servizzi oħra jbażati fil-Komunità ser ikollhom impatt ferm pożittiv fuq is-servizzi li wieħed isib fil-komunità bl-għan li ngħollu l-livell tal-kwalità tal-ħajja tan-nies li jagħmlu użu minn dawn is-servizzi flimkien mal-familji tagħhom.



# Tfal bil-Gwardarobba fuq daharhom

## It-tfal għandhom ikollhom vuċi fil-kwistjoni tal-basktijiet tal-iskola

**Pauline Miceli**

Kummissarju tat-Tfal - MFCS

Wara l-vaganzi il-familja terġa' tidħol fir-rutina tal-ħajja normali, bit-tfal iqattgħu il-biċċa l-kbira tal-ħin tal-ġurnata l-iskola jiġru minn klassi għall-oħra bil-gwardarobba fuq daharhom.

Din tal-basktijiet tal-iskola tqal ċomb hija waħda mill-problemi li niltaqgħu magħhom fix-xogħol tagħna. Studju nazzjonali li sar tliet snin ilu juri li 71% tat-tfal bejn it-8 u t-13-il sena qed iġorru basktijiet tal-iskola itqal sew minn dak rakkomandat (10% tal-piż tat-tfal), u 33% qalu li jbatu minn uġigħ f'daharhom. Dawn huma riżultati li għandhom iħassbuna għax l-uġigħ tad-dahar fit-tfulija jwassal għal problemi fid-dahar iktar 'il quddiem.



Saru u għadhom isiru xi ftit sforzi biex it-tfal ma jkollhomx għalfejn jġorru basket tqil. F'numru ta' skejjel twaħħlu funtani ta' l-ilma tajjeb għax-xorb; f'xi skejjel l-għalliema ħadmu flimkien biex ma jagħtux homework fl-istess ġurnata. Oħrajn poġġew il-lockers fil-klassi jew qrib il-klassi tat-tfal. Uħud raw kif jagħmlu biex it-tfal fis-sekondarja ma jkollhomx għalfejn ibiddlu l-klassi għal kull lezzjoni, xi ħaġa ftit diffiċli fis-sekondarja bil-varjazzjoni kbira tal-programm ta' studju tal-istudenti individwali.

### Lockers

Bosta mill-iskejjel għandhom il-lockers li suppost qegħdin hemm biex it-tfal ma jibqgħux iġorru l-kotba magħhom ta' kuljum. Iżda dan ma jseħħx għax kif jgħidulna t-tfal ma jingħatawx ħin biżżejjed biex imorru mill-klassi fejn ikunu biex ibiddlu l-kotba għall-lezzjoni li jmiss. Ninnotaw li f'xi skejjel il-lockers tpoġġew isfel nett meta l-klassijiet jinsabu fis-sular ta' fuq nett. Minħabba f'hekk u għax jibżgħu minn xi ċamata mill-għalliema t-tfal jibqgħu jġorru l-kotba tal-ġurnata kollha fil-basket.

Il-problema tat-toqol tal-basktijiet tal-iskola tkompli taggrava ruħha meta l-istudenti ma jitħallewx iġorru l-kotba f'basktijiet bir-roti. L-istudju wera kif huma t-tfal tas-sekondarja li jkollhom daqstant skariġġ, basktijiet itqal u tlugħ u nżul ta' turġien bil-gwardarobba fuq daharhom l-iktar li jbatu mill-uġigħ fid-dahar. X'ma jtugħx id-daqqiet ta' sieq il-basket!

### Bit-tablet u xorta bil-kotba

Fil-primarja t-tfal għandhom ukoll it-tablet li suppost kellu jtaffi l-problema tal-ġarr tal-kotba. Minflok qiegħed iżid il-piż għax-xorta waħda baqgħu jintużaw l-istess numru ta' kotba u pitazzi. Dan biex ma nsemmux ukoll li fil-basket it-tfal ikollhom il-lunch, ħafna għadhom iġorru xi flixkun ta' l-ilma, l-pocket tal-lapsijiet u l-gomom se jixpakka u xi oġġetti oħra personali li t-tfal kollha jħobbu jġorru magħhom biex juruhom lil sħabhom jew biex jilgħabu bihom.



*ikompli fil-paġna li jmiss*



### Files bil-qoxra ħoxna

Tfal ta' kull età fil-basket għandek issibilhom mill-inqas file wieħed bil-qoxra ħoxna, karti jiġru li suppost qegħdin miġburin flimkien fil-file jew fil-kaxxa tal-plastik iebes li jitolbu xi għalliema biex it-tfal ikollhom kollox miġbur. Forsi wasal il-waqt li nerġgħu lura għas-sistemi l-antika ta' pitazzi rqaq jew mhux daqstant ħoxnin li jgħinhom jorganizzaw ruħhom u li meta jimtlew jitħallew id-dar jew fil-klassi.

Il-parteċipazzjoni tat-tfal fi kwistjoni bħal din hija kruċjali. Wasal il-waqt li jitwaqqaf grupp ta' azzjoni kif irrakkomanda l-istudju. Nissuġġerixxu li t-tfal flimkien mal-għalliema u l-prinċipali tal-kulleġġi jsibu tarf ta' din il-problema li tista' tkun ta' ħsara għas-saħħa ta' wliedna. Il-moniteraġġ tal-piż tal-basktijiet għandu jiġi stabbilit u segwit sew.

B'dispjaċir ngħid li s-saħħa u l-aħjar interessi tat-tfal minkejja kollox, għadhom mhux qed jingħataw l-attenzjoni li tixirqilhom fejn jidħol it-toqol tal-basket.

# Malta Weather Stations

**Emanuel Muscat**

Researcher



The opening of the first meteorological office in Malta will be celebrating its 100th anniversary in two years' time. The first meteorological office in Malta was located in Guardamangia which opened in July 1922.

After four years, it moved to Valletta and in 1942 an observation office was opened at Luqa airfield and forecasters were added to the compliment in 1943. The main Meteorological Office moved from Valletta to Luqa in 1946 with the Meteorological Office completly falling under the Department of Civil Aviation of the Maltese government in 1979.

Few people know that a weather station was set up at the disused airfield in Qrendi. RAF Krendi (Qrendi or Krendi as the Brits would spell it) was opened on 10th November 1942 and was closed by end of September 1943. In 1946 a radiosonde station was established there which was located in the old RAF 249 Squadron dispersal building known the Meteorological Section Qrendi. This was operated by RAF Malta personnel and formed part of the Met Office at RAF Luqa.

The building in the centre (photo left) is the balloon filling shed at the old Meteorological Section in, Qrendi. This building had two doors which were opened depending on the direction of the wind as handling the very large balloons was very risky.

This section was mainly a radiosonde station. They used to release four hydrogen filled balloons with a radiosonde attached to it each day, each equipped with compact equipment to measure wind direction, speed and humidity. (photo right)

Qrendi station also provided thunderstorm atmospheric reports every hour. Qrendi was synchronised with Larnaca in Cyprus and Gibraltar to take bearings on selected lightning flashes from a very wide range from Europe to North Africa.

The spheric location was computed from the triangulation of the bearings. During the sixties and seventies the place was also used to track satellites. The last weather balloon released from the  Meteorological Section in Qrendi station was on the 31st December 1978.

# The Active Ageing and Community Care Support Services

## The Corporate Services Section

**Josef Delicata**

Assistant Director
(Sapport Services) AACC

As in all other entities the 'Support Services' or 'Corporate Services' Section incorporates the usual sections such as the Administration, Human Resources, Finance, Salaries/Payroll, Procurement, Transport etc.

Therefore, for this article, so as not to repeat what was already written in similar articles, I decided to focus on two particular sections which are unique to the Active Aging & Community Care Support Services Section. These are The Contributions Section and the Project & Estate Management Section.

### The Contributions Section

The Contributions section is situated at St.Venera and comprises of five staff.  Residents in state funded homes who are not 'highly dependent' and classified as class 1 residents contribute 60% of their net income of the previous year and 60% of their pension rate of the current year for their stay in the home (as regulated in L.N. 259 of 2004).

A budget measure introduced in 2018 gave the right to clients who return the keys of their house of residence to the Housing Authority to qualify for a further deduction of 20% in their payment rate and pay 40% instead of 60%.



The Contributions Section is tasked with all the workings and revisions carried out to determine the rate the client pays. They work closely on daily basis with the Department of Social Policy, mainly the IMU and Pensions sections, to obtain the necessary income data to carry out the assessment. Once ready, they forward their workings to the 'Pensions Section' to carry out the necessary deductions.

In cases where the payment rate exceeds the pension rate such as clients in receipt of a foreign pension and not in receipt of a Maltese pension, the necessary arrangements are carried out so that the client pays directly the Welfare committee, if residing in a government home, or if the accounts section at AACC is making use of a PPP bed.

The Contributions Section is also responsible to send the Annual Declarations Form to all residents to complete and return so that revisions are carried out reflecting any changes in the income of the client.

Finally, it is worth mentioning that the Contributions Section also provides a one-to-one customer care service (by appointment) for those clients or their relatives who need individual assistance.

### Project & Estate Management Section

A unique service that the Project & Estate Management Section manages is the Handyman Section. A service that AACC offers is small maintenance work in elderly people's residences.

Since AACC is also the entity that manages the Government's Old People's Homes, the Day Centres for the elderly and the Night Shelters for the elderly, one of the Project & Estate Management Section's tasks is the upkeep and maintenance of these buildings.

Finally, the Project & Estate Management Section also spearheads a variety of new projects such as building of new elderly homes, the installation of nurse calls in our nursing homes and other minor projects such as hair salons in elderly homes.

It is a privilege to have the opportunity to work as an Assistant Director: Support Services as it gives me a challenging and rewarding work experience.

# What are the EU Social Security Coordination rules?

## and how do these apply to me?



**Karen Farrugia**

Manager II
(Research) IAU

The previous article provided a general overview of the EU Social Security Coordination rules. In the subsequent phases, we will provide more specific information on each benefit covered by these rules.

### 1. Sickness, maternity and equivalent paternity benefits

In each country, national legislation establishes which benefits are to be granted and under which conditions. EU coordination rules ensure that when moving within Europe you will be treated under the same conditions as nationals of those countries.

Sickness benefits can be in the form of benefits in kind or in cash. Benefits in kind refer to the healthcare benefits you receive in the form of medical care, treatment and pharmaceuticals. Benefits in cash refer to the monetary benefits/compensation paid to you by your social security institution due to your sickness.

It is important to note that you will be entitled to sickness benefits in kind in the country where you reside according to the conditions which apply there, regardless of where you are insured.

On the contrary, you will receive benefits in cash from the country where you are insured, regardless of where you live and of the conditions which apply there.

### ► Benefits in Kind

Benefits in kind provide, pay directly or reimburse the cost of medical care, related products, such as medicines, and related services. In other words, sometimes benefits in kind are actually provided in cash, for example, when you receive a payment that reimburses healthcare treatment expenses.
As a general rule, these benefits are provided by the country where you reside or stay as if you were insured there. This may or may not be to your advantage in comparison to the legislation of the country where you are actually insured.

All procedures, deadlines and conditions for entitlement are decided at the national level.

### ► Benefits in Cash

The country where you are insured is always responsible for paying your sickness, maternity or paternity benefits in cash, i.e. benefits that replace a wage that has been suspended due to sickness. These benefits will be paid according to the rules of the country where you are insured, regardless of where you are living or staying.

Benefits in cash are normally intended to replace an income (wages, salaries) which is suspended due to sickness or maternity/paternity. Benefits provided in a specific situation, e.g. the dependence of a sick or disabled person on another person's assistance, may also be regarded as sickness benefits in cash.

The amount and duration of these benefits depend entirely on the legislation of the country where you are insured. All benefits in cash will normally be paid directly to you by the competent institution of this country.

For more information you may visit:
**https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=859&langId=en**

# Ħelu Manna: *Sweet Tooth*



**Doris Zammit**

Xandara Veterana

Min ma jħobbx il-ħelu ? Nemmen ftit huma dawk li l-ħelu ma jfittxuhx. U aħna l-Maltin bla dubju inħobbuha żaqqna, l-aktar fejn tidħol xi ħaġa ħelwa.

Intant fost l-ikel sinonimu ma' dak Malti insibu wkoll diversi ħlewwiet, anzi taħlita ta' ħlewwiet li aktarx waslu Malta minn diversi pajjiżi. Dan għaliex matul sekli sħaħ, Malta kienet immexxija minn diversi kulturi u ċivilizzazzjonijiet.

Il-Feniċi, in-Normanni, ir-Rumani, l-Għarab, l-Aragonesi, il-Franċiżi, it-Taljani u l-Ingliżi, kollha xi ħin jew ieħor għaddew minn dawn il-gżejjer, u nemmen li għalhekk il-kċina tagħna hija unika bi ħwawar ta' ingredjenti u togħmiet differenti.

Dan kollu jirrifletti tajjeb mill-biċċa l-kbira tal-ħlewwiet Maltin, ħafna minnhom marbuta mal-Kalendarju Reliġjuż, għaliex ċerti ħlewwiet (għalkemm mhux kollha) nagħmluhom u nikluhom fi żmien partikulari tas-sena liturġika.



Hekk ngħidu aħna fi Frar il-Karnival iwasslilna l-prinjolata. Bażikament din hija kejk forma ta' piramida li jinkludi l-lewż u l-konfettura. Fi żmien il-karnival il-Maltin iħobbu jieklu wkoll il-perlini, ħelu żgħir ikkulurit ftit iebes magħmul minn lewża miksija bl-icing sugar f'kuluri ċari, roża, ċelesti, minta, u abjad. U għalhekk meta nkunu libsin xi lbiesi ċari bħal dawn il-kuluri, mhux l-ewwel darba tisma' min jgħidilna "Qisek perlina".

Intant għal nofs Marzu niċċelebraw il-festa ta' San Ġużepp, u sintendi ma jonqsux l-isfineġ ta' San Ġużepp. Dawn huma għaġina moqlija mimlija bl-irkotta u miksija bit-trab tal-icing sugar u ħafna lewż. Dawn huma simili taż-Żeppoli, ħelu Siċiljan.

Imbagħad jasal ir-Randan u dan jintroduċina mal-kwareżimal, forma rettangolari kulur kannella b'taħlita ta' lewż, kokodina, qxur tal-lumi u l-larinġ u għasel. Barra minn dan insibu wkoll għall-bejgħ b'mod speċjali fil-Ġimgħa l-Kbira l-karamelli tal-ħarrub.

L-Għid festa oħra kbira . Wara l-ġranet malikoniċi tar-Randan, fejn ħafna Nsara jsumu u ma jieklux laħam u anke ħelu, kif jasal l-Għid kif ngħidu bil-Malti ntuha għall-ħela.

Ma jonqsux il-figolli, biċċtejn għaġina tal-ħelu, bejniethom kisja ta' intrita, u miksija bl-icing sugar ikkulurit jew ċikkulata u mżejjna bil-bajd taċ-ċikkulata. Aktarx li dawn il-figolli nsibuhom f'diversi forom, minn raġel u mara, sa fenek u papri, karozzi, qfief u anke xi qalb. L-aktar forma popolari hija tal-ħaruf li jirrappreżenta lil Ġesù. Jaslu l-ġranet sħan tas-sajf, u sintendi l-Maltin saħansitra sa kmieni fis-

sena jibdew bil-festi, l-ewwel waħda f'April dik ta'San Publiju. U allura ma jistax jonqos li nikkunsmaw ħafna ikel tradizzjonali fosthom il-ħelu. Il-Qubbajt insibuh madwar Malta kollha f'kull festa. "Qisek mejda tal-qubbajt" jgħid il-Malti.

Lejn l-aħħar ta' Ottubru bidu ta' Novembru naraw l-għadam tal-mejtin. Dawn huma għaġina forma ta' għadma mimlija bl-intrita u miksija bl-icing sugar.

Aktar tard matul il-ġranet tal-Milied, inservu l-qagħaq tal-għasel, forom tondi ta' għaġina ħelwa mimlija b'taħlita ta' għasel iswed.

Minbarra dawn il-ħlewwiet skont l-istaġuni jew iż-żmien tas-sena, għandna oħrajn, bħall-imqaret, ħelu popolari ferm mal-Maltin (nemmen li daqs il-pastizzi) li nsibu nixtruhom is-sena kollha, u li jkunu mimlija b'taħlita ta' tamal u moqlija fiż-żejt jagħli. Irridu niftakru li l-Imqaret l-aktar li jkunu tajbin meta jittieklu jaħarqu !



Il-Kannoli, forma oħra ta' għaġina, aktarx taf il-bidu tagħha fi Sqallija iżda huma wkoll favoriti magħna l-Maltin. Dawn insibuhom mimlija bl-irkotta, bil-krema u anke ċikkulata.

Kif għidt fl-introduzzjoni tiegħi, l-Maltin iħobbu jieklu. Ikun meta jkun iż-żmien matul is-sena, m'hemmx dubju li mhux se jsibu xi forma jew oħra ta' ikel kif ukoll ħelu għall-gosti u l-palat tagħhom.



www.sapport.gov.mt
Tel: 2256 800

# Ċentru ta' Matul il-Jum ġdid f'Baħar iċ-Ċagħaq

## Biċ-Ċentri tal-Aġenzija Sapport qed jintlaħqu 500 persuna b'diżabilità

**Melissa Pace**
Senior Exective Marketing

Fil-bidu tas-sena, Aġenzija Sapport inawgurat il-11-il-ċentru ta' matul il-jum f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dan iċ-ċentru jippromwovi għajxien indipendenti, awtonomija u inklużjoni fis-soċjetà.

Is-servizz qiegħed jingħata lil 17-il żagħżugħ/a b'diżabilità, tal-età bejn it-22 u t-23 sena. Dawn ġejjin minn diversi lokalitajiet differenti madwar Malta li qegħdin jingħataw l-opportunità biex itejbu l-abbilitajiet tagħhom u jiżviluppaw ħiliet ġodda bis-sapport u riżorsi meħtieġa.

Is-servizzi li jingħataw huma personalizzati skont il-bżonnijiet ta' kull benefiċċjarji f'dan iċ-Ċentru. Il-benefiċċjarji huma wkoll inkoraġġiti jagħżlu huma l-attivitajiet li jixtieqU jagħmlu u jkunu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jirrigwardjawhom.

Il-programmi li jiġu pprovduti minn dan iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jinkludu fost oħrajn:

- Kif tuża komputjer
- Programmi ta' diskussjoni
- Ħjata
- Eżerċizzju fiżiku, passatempi u ħruġ
- Għajxien indipendenti, bħal kif tipprepara xi ikliet ħfief, manjieri ta' madwar il-mejda tal-ikel u iġene personali.

Dan huwa possibbli permezz ta' professjonisti bħal Social Workers u Occupational Therapists, bl-għajnuna tas-Support Workers li jaħdmu b'mod kontinwu sabiex iwasslu programmi interattivi u inklussivi skont il-bżonnijiet tal-benefiċċjarji kollha.

Fil-ħidma tagħha, l-Aġenzija qed tkompli tiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħiliet sabiex il-persuni b'diżabilità li jagħmlu użu mis-servizzi tagħha jkollhom ċans akbar li jsibu mpjieg. Eżempju ta' dan, iċ-Ċentru f'Baħar iċ-Ċagħaq qed jaħdem sabiex jistabbilixxi kuntatti li jwasslu biex jibdew jinbigħu prodotti tal-ikel tal-friża magħmula mill-benefiċċjarji lil stabbilimenti lokali.

Permezz ta' dan iċ-Ċentru, u ċ-Ċentri l-oħra ta' matul il-jum li tmexxi l-Aġenzija li jinsabu, tnejn fl-Mtarfa, Raħal Ġdid, Ħal Far, Tas-Sliema, Swatar, Isla, Birgu, Fleur de Lys u f'Għajnsielem ġewwa Għawdex, l-Aġenzija Sapport qed tilħaq 'il fuq minn 500 persuna b'diżabilità. B'hekk qed tkompli ssaħħaħ is-servizzi tagħha u timxi aktar 'il quddiem waqt li tkun eqreb lejn il-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom.






# Volontarjat mal-Aġenzija Sapport

**Melissa Pace**

Senior Exective Marketing

Aġenzija Sapport tmexxi l-programm Sharing Lives, li ġie mwaqqaf fil-2017, u l-għan tiegħu hu li joħloq opportunitajiet fejn voluntiera u persuni b'diżabilità jaqsmu esperjenzi flimkien. Iservi wkoll bħala kuntatt soċjali mal-pubbliku inġenerali sabiex persuni b'diżabilità jtejbu l-inklużjoni soċjali tagħhom.

Fit-2019 ibbenefikaw 78 persuni b'diżabilità, grazzi għat-tim ta' Sharing Lives u għall-kontribut ta' 'l fuq minn 26 voluntiera li għenu jiffaċiltaw diversi attivitajiet. L-attivitajiet jistgħu jkunu fuq bażi 'one-to-one' jew inkella fi gruppi.

Ftit eżempji ta' attivitajiet li ġew organizzati jinkludu: BBQs, sajd, sessjonijiet f'gym, parties, workshops ta' mużika, żfin u arti, u attendenza f'kunċerti, produzzjonijiet teatrali u attivitajiet nazzjonali bħal Rockestra u Military Tattoo. Kien hemm ukoll voluntiera li, fuq numru ta' sezzjonijiet, għallmu numru ta' persuni b'diżabilità xi sengħa jew passatemp ġdid.

Fil-preżent l-Aġenzija qed tilqa' applikazzjonijiet mingħand voluntiera li jixtiequ jagħmlu parti mit-tim ta' Sharing Lives. Il-voluntiera għandhom ikunu minn 16-il sena 'l fuq u wara l-applikazzjoni jsir assessjar sabiex jiġi diskuss u determinat l-aħjar mod kif jingħata l-kontribut tagħhom.
Barra minn hekk voluntiera jiġu mħarrġa, mogħtija superviżjoni u offruti wkoll sapport kontinwu minn professjonisti biex l-esperjenza tagħhom tkun waħda pożittiva u tkun ukoll opportunità għall-voluntier biex jikber personalment.

Voluntiera jistgħu wkoll ikunu studenti fl-iskejjel post-sekondarji u fl-università, li jagħżlu li jagħmlu placement mas-servizz bħala parti mill-kors li jkunu qed isegwu, ma' professjonisti, kif ukoll m'organizzazzjoniet minn Malta jew Għawdex.

Jingħata ċertifikat lil dawk li jkunu taw 30 siegħa jew aktar ta' servizz. Il-kontribut tal-voluntiera jista' jkun kemm għal attività waħda jew għal tul ta' żmien.Dawk interessati jistgħu jniżżlu l-applikazzjoni mis-sit: **www.sapport.gov.mt**, iċemplu fuq 2256 8000, u jsegwuna fuq il-midja soċjali (Facebook, Instagram u Twitter). Dan is-servizz jingħata wkoll f'Għawdex u għalhekk jiġu aċċettati wkoll applikazzjonijiet minn dawk li jixtiequ jagħtu kontribut f'Għawdex.

AĠENZIJA SAPPORT

# Different is Normal

## A new photo campaign launched by the Commission for the Rights of Persons with a Disability (CRPD), aims to increase the visibility of persons with a disability

**Sandra Borg**

Communications Manager CRPD



A new photographic campaign aims to increase the visibility of persons with a disability by portraying them doing what they most enjoy in their everyday lives.

Commissioned by the Commission for the Rights of Persons with a Disability (CRPD), the campaign, 'Different is Normal', is a set of 12 individual photos of persons with various impairments engaging in activities such as dance, theatre, swimming, gymnastics, sprinting and bowling.

Other shots feature people working on their aspirations: one young man is studying to become a chef; others show everyday moments such as a mother playing with her daughter or a woman walking with her husband.

The photos, taken by award-winning photographer Darrin Zammit Lupi, move away from portraying persons with a disability as 'victims' or as 'inspirational heroes': they aim to show persons who happen to have a disability.
"The photos represent the passions and aspirations of these persons," said CRPD Commissioner Oliver Scicluna. "Seen together, they are a celebration of diversity, moving away from the notion that disabled people belong to a binary category, specifically, as opposed to non-disabled."

The photos were launched earlier this year during an event at San Anton Palace, held under the Patronage of His Excellency the President of Malta George Vella.

In Malta, there are almost 20,000 persons with a disability registered by the Commission for the Rights of Persons with a Disability. Yet, disabled people are largely absent from images, TV, politics, leadership. While huge strides have been made, the images of disabled people in the public sphere are still largely invisible, with few persons with a disability taking an active role in public life.

The photos, which include a range of physical and learning impairments such as Spina Bifida, Down Syndrome, hearing and visual impairments, ADHD and autism, also aim to open a direct window on the lives of persons with a disability, putting their individual stories at the centre.

The Commission for the Rights of Persons with a Disability works to fulfil its mission of seeing that Maltese society is an inclusive one, in a manner that persons with disability can, through equal opportunities in all aspects of life, fulfil their potential as persons who enjoy a higher quality of life.

In honouring this commitment, CRPD works with the aim that society may eliminate any form of direct or indirect discrimination against persons with disability or their families while providing the necessary help and support.

"In a sense, then, part of our role is to render disabled people visible, helping to change perceptions around disability," said the Commissioner.



# Iż-żmien fil-ħajja tal-bniedem



**George Zammit**

Gwida u Lajk

Fil-ħajja hemm bosta affarijiet li jisirqulna l-ħin bla ma kultant inkunu nafu. Aħna ħafna drabi ma nindunawx, imma ż-żmien huwa element importanti ħafna f'ħajjitna.

Kultant iż-żmien jidher li qatt ma jgħaddi. Snin oħra jidhru li jtiru. Li hu ċert hu li ż-żmien minn dejjem kien prezzjuż għal kulħadd u għal din ir-raġuni sempliċi rridu nippruvaw nippjanaw sewwa biex ma naħlux aktar żmien fix-xejn fil-ħajja tagħna, pereżempju billi nagħmlu affarijiet li ma nħobbux nagħmlu, għax xi darba se jiddispjaċina u jaf meta nintebħu jkun tard wisq.

Mill-esperjenza naf li wieħed jista' jgħix infinitament aħjar bi ftit flus u b'ħafna ħin liberu, milli b'aktar flus u b'inqas ħin, speċjalment mal-familja.

Wara kollox dak li hu importanti mhuwiex is-snin ta' ħajtek, imma l-ħajja li tpoġġi f'dawn is-snin. Jekk torganizza lilek innifsek, il-ħin u ż-żmien tal-bniedem huwa dejjem hemm preżenti. Kull qawwa u suċċess tal-bniedem huma magħmula dejjem minn ħin ippjanat tajjeb u żmien organizzat bil-paċenzja.

Napuljun Bonaparte li kien mexxej militari Franċiż kien jgħid: "Nista' nitlef battalja, imma qatt ma nitlef minuta mill-ħajja." Għalhekk għandna nieħdu vantaġġ mill-ħin preżenti għax il-ġranet huma qosra.

Ma jiddispjaċinix mill-ħin li tlift maż-żmien, imma jiddispjaċini miż-żmien li tlift ma' ċertu nies għax fil-ħajja kollox jgħallem u l-bniedem jimmatura maż-żmien u ma kull minuta li tgħaddi. Għalhekk ma nibqgħux dejjem naħsbu biex naqalgħu l-flus biss, imma hu aktar importanti, li niksbu l-ħin milli l-flus.

Wasal iż-żmien li nibdew nimmaturaw u ma nagħmlux aktar żbalji billi noqogħdu niġġieldu kontra ż-żmien preżenti għax il-ħajja ta' kull bniedem fuq din l-art hija tant qasira li m'hemmx ħin għall-argumenti u paroli fil-vojt, li aktarx iwasslu għall piki fil-familji u gwerer ta' bejnietna. Imma hemm biss ħin għall-għaqda fraterna biex bħala poplu nħobbu aktar lil xulxin kif ħabbna Missierna fis-smewwiet.

Santa Tereża ta' Calcutta, magħrufa bħala Madre Teresa li kienet Albaniża kattolika u soru missjunarja kienet tgħid frażi sabiħa ħafna: "Il-bieraħ għadda u għada għadu ġej, mela għandna llum biss, ejjew nibdew."

Mela nibdew napprezzaw aktar dak iż-żmien sabiħ u l-ħin volontarju meta dawn jingħataw lill-oħrajn, b'mod speċjali dawk fil-bżonn. Waħda mill-kliem tal-għerf hija li rridu noqogħdu attenti biex iż-żmien ta' ħajjitna ngħixuh bil-galbu għax huwa tajjeb li tgawdi ħajtek, il-ħajja sabiħa ħafna.

Jekk aħna jkollna din il-mentalità ġeneruża li ngħixu ż-żmien tal-ħajja tagħna tajjeb mal-oħrajn, ma jkollniex dlam ġewwa djarna u lanqas barra, imma dawl qawwi li jsebbaħ dawn il-gżejjer sbieħ tagħna f'nofs dan il-baħar Mediterran.

# Il-Volontarjat

**Vince Tonna**

Senior Social Worker

Meta talbuni biex nerġa' nikteb artiklu għal dan il-magazine ġietni f'moħħi mill-ewwel li llum nikteb dwar il-Volontarjat. Raġuni prinċipali hija minħabba li nħoss li s-servizz tal-volontarjat kien ta' għajnuna kbira għalija speċjalment wara li rtirajt mix-xogħol 11-il sena ilu.

Għażilt li f'ħajti ninvolvi ruħi fil-volontarjat minħabba li nemmen bi sħiħ li s-servizz tal-volontarjat jagħti kontribut kbir għall-ġid komuni.

Ħafna snin ilu kont qrajt artiklu tajjeb ħafna fuq dan is-suġġett u żammejt kopja tiegħu. Jagħti spjegazzjoni ċara kif għandu jingħata dan is-servizz. Fost affarijiet oħra kien hemm miktub li:

a) Is-Servizz għandu jingħata b'mod liberament, u mhux bħala dmir professjonali;
b) Is-Servizz għandu jkun mingħajr ħlas jew vantaġġi speċjali jew ambizzjonijiet professjonali;
c) Min jagħti dan is-servizz għandu jiġi offrut b'regolarità, u mhux skont l-aptit;
d) Waqt l-għoti tas-servizz il-voluntier għandu dejjem iħossu responsabbli ta' min hu fil-bżonn;
e) Waqt dan is-servizz, il-voluntier irid ikollu l-valur li jkun kapaċi jisma' b'qalb miftuħa l-ħtiġijiet ta' min jinsab fil-bżonn u kif l-benefiċċjarji jixtiequ jiġu megħjuna.

Bla dubju ta' xejn, min hu involut fil-volontarjat sejjer jirċievi aktar milli jagħti waqt dan ix-xogħol. Se jkun garantit titjib fil-komunitajiet tagħna.

Meta tħares lejn pajjiżna u ssegwi regolarment il-Premju tal-President għall-Volontarjat li jingħata kull sena ma tistax ma tikkonkludiex il-ħafna tajjeb li qed iwettqu l-voluntiera Maltin kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Irridu nżommu f'moħħna li ħafna mill-bnedmin huma għatxana li jagħtu għax meta jagħtu jħossuhom li qed jibnu pont man-nies vulnerabbli.

Billi s-servizz tal-voluntiera huwa neċessarju, speċjalment fejn hemm nuqqas ta' professjonisti, l-Aġenziji tal-Gvern u dawk l-Għaqdiet Mhux Governattivi għandhom jinvestu aktar biex iħajjru aktar persuni jirreġistraw għal dan ix-xogħol.

Ma nistax ma nsemmiex bħala eżempju l-volontarjat ma' Sharing Lives fi ħdan l-aġenzija Sapport fejn diġa' hemm 26 voluntier li qed jgħinu l-ħaddiema tal-Aġenzija fi twettiq ta' diversi attivitajiet mal-persuni b'diżabilità bħal BBQ's, attendenza f'kunċerti, eċċ.

Irrid ukoll insemmi li dawn il-voluntiera jingħataw taħriġ meħtieġ kif ukoll superviżjoni u sapport kontinwu.

Bħala konklużjoni nixtieq nikwota l-ex Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, Professur Kenneth Wain, fejn kien qal li f'Malta hemm bżonn jikber aktar l-għarfien dwar il-vantaġġi tal-volontarjat.

Semma' kif barra, is-sodisfazzjoni li taħdem fuq proġetti li għandhom valur soċjali, il-volontarjat jgħallmek diversi ħiliet li ser tużahom fil-ħajja. Dwar l-anzjani hu qal li hemm bżonn ta' aktar pubbliċità biex l-anzjani jibdew jaraw lilhom infushom bħala riżorsa.



# Għoti tad-demm… tifkiriet tal-imgħoddi

KITBA RIVEDUTA MINN:

**Tony Micallef**
Practice Nurse
Blood Donation

Kien l-1976 meta ġejt imħajra minn ommi biex nagħti d-demm għall-ewwel darba. Dak iż-żmien ma kienx daqshekk popolari li tmur tagħti d-demm, imma meta darba ommi staqsitni jekk ninteressax ruħi ma domtx wisq naħsiba biex immur.

Niftakar li dak iż-żmien biex tagħti d-demm kien ikollok tmur fil-binja Europa Centre, il-Furjana. Hemm kien hemm il-Bank tad-Demm, u jekk m'iniex sejra żball kien fit-tielet sular. Dak iż-żmien iżda l-Bank kien immexxi mill-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta (SMOM – Sovereign Military Order of Malta.)
Dak iż-żmien ma kien jeżisti l-ebda mobile blood donation unit idur mal-irħula u l-postijiet tax-xogħol u għaldaqstant ma kienitx faċli daqs kemm hija llum li tmur tagħti d-demm.

Niftakar li biex nagħti d-demm għall-ewwel darba kont mort ma' ommi. Malli dħalna sibna xi nies li kienu diġà daħlu qabilna u li kienu diġà taw id-demm. Kien hemm oħrajn li qed jistennew biex jagħtu d-demm u ntfajna bilqegħda magħhom sa ma' kien imiss lilna.

Biex inkun qiegħda ngħid kollox, l-ewwel darba dejjem tibqa' l-ewwel esperjenza u xi naqra ta' biża' kelli ukoll! Iżda ftakart kemm-il darba ommi kienet ġa tat demm qabli u għaldaqstant ma kontx daqshekk beżgħana. Għadda ftit tal-ħin u kien mess lil ommi biex tagħti. Niftakar nara l-ommi tpoġġi bilqgħeda u jieħdulha d-dettalji u wara ħadulha d-demm ukoll. Malli kienet lesta, sejħu lili.

Niftakar li kien hemm it-Tabib Pawlu Farrugia li staqsina għal xi dettalji u x'ħajjarni nersaq biex nagħti d-demm. Kien qalli kemm kien bżonnjuż id-demm, u li kien jinħtieġ li jkun hemm iktar nies li jagħtu għaliex qatt mhu biżżejjed. Wara ftit minuti nitkellmu u eżami mediku, l-impjegati tal-Bank



*Lourdes D'Amato, Donatur tad-Demm*

poġġewni fuq strecher addatat u bil-ħlewwa kollha ħaduli d-demm.

Tiskanta kif jgħaddi ż-żmien. Illum, 43 sena wara għadni nagħti d-demm. Fil-fatt kbirt mhux ħażin u meta nħares lura b'sodisfazzjon ngħid li qatt ma tlift iċ-ċans biex nagħti d-demm. Naf li b'dan il-ġest żgħir ħafna, inkun qed ngħin lill-morda, u possibbilment insalva diversi ħajjiet ukoll.

B'dan il-messaġġ qasir nixtieq nieħu l-opportunità biex inħeġġeġ ħafna iktar nies biex imorru jagħtu d-demm, u dan mhux biex jidhru sbieħ, iżda għax konxji tal-bżonn kbir tiegħu. Hawn tajjeb wieħed jiftakar li kull meta persuna ġiet bżonn trasfużjoni tad-demm dan ma kienx ikun possibbli li jsir jekk mhux għax kien hemm xi ħaddieħor li ta d-demm minn qabel.

U issa li inti qed taqra dan l-artiklu jalla titħajjar tagħti d-demm int ukoll. Ftakar li dan huwa ġest nobbli, umli u bla ebda ħlas lura, imma fl-istess ħin, fil-qiegħ ta' qalbek tħoss li tkun għamilt ġest sabiħ u opra ta' karità kbira mal-morda fil-bżonn.

Malli tiddeċiedi pprova ħu lil sħabek miegħek, jew lil tal-familja u flimkien għinu f'din l-isfida li ma tispiċċa qatt. Ftakru f'kemm-il darba jkun hemm sejħiet urġenti għad-demm, u ftakru wkoll li għada, jew fil-futur tista' tkun int jew xi ħadd mill-qraba jew ħbieb viċin tiegħek li tiġu bżonn id-demm ukoll.

# Qaddisin tal-lum

**Tonio Bonello**

Ġurnalist

Il-qalb tħabbat ta' kull Malti u Għawdxi mimlija ġenerożita twassal biex ta' kuljum isiru tant mirakli, forsi bil-wisq aktar milli kienu jsiru mirakli fi żmien il-ħajja ta' Kristu fuq din l-art!

Dawn il-gżejjer, partikolarment tul dawn l-aħħar nofs seklu provdew lid-dinja għad bla qies ta' missjunarji; Patrijiet, Sorijiet, Saċerdoti, tfajliet u ġuvintur, nisa u rġiel, saħanistra familji li għamlu d-differenza kull fejn marru.

Illum, il-folja qed tinbidel. Fiż-żjarat li kont qed nagħmel reċentament f'tant kunventi u monasteri stajt nara u nesperjenza numru mhux żgħir ta' reliġjużi li għamlu l-parti kbira ta' ħajjithom fil-missjoni, ġejjin lura lejn art twelidhom biex jgħaddu l-aħħar snin ta' ħajjithom ma' dawk l-aktar għeżież tagħhom u f'arthom.

Dan il-moviment qawwi ta' ritorn wassal għal evolvement u bidla' fil-kunċett, l-użu u l-operat ta' dak li darba kien kunvent. Fejn dahri dawn il-binjiet kienu jimirħu b'numri mhux żgħar ta' vokazzjonijiet, illum instab mottiv ieħor għall-eżistenza tagħhom.

Uħud minn dawn diġa' bdew trasformazzjoni tal-binja biex tkun suffiċjenti għal dan l-użu ġdid. Forsi, f'kuntest modern jista' jingħad qed issir rivoluzzjoni ħolistika, minn ċentri ta' vokazzjonijiet għaż-żgħażagħ għal djar tal-anzjani reliġjużi.

Hu biss sentiment ta' apprezzament u gratitudni li dawn l-imsejkna li taw l-aħjar ta' ħajjithom f'dawk l-aktar zoni fqar u mbiegħda fid-dinja, li issa jiġu milqugħa b'tant għożża u mħabba biex jistrieħu u jgħixu l-kumplament taż-żmien bl-aktar mod seren u sigur.

Qed ngħid sigur għaliex, waqt li ntervistajt Patri Għawdxi fost dawn, nistqarr ħallieni bla kliem rakkont tiegħu. Għex il-parti l-kbira ta' ħajtu fir-reġjun ta' Garissa ġewwa l-Kenja fejn dan isemmi kif darba, wara jum xogħol meta miġburin fil-kunvent ħabbat il-bieb. Flimkien ma' tnejn oħra resaq lejn il-bieb ta' barra u fetaħ. Fil-pront dawk fuq barra fetħu n-nar fuqhom u daħlu ġewwa biex jisirqu.

Dan il-Patri nzerta kien fin-nofs bejn żewġt Sorijiet. Waħda ntlaqtet minn tiri u niżlet fl-art feruta gravi waqt li l-oħra, Soru Tabiba Amerikana inqatlet quddiemu dak il-ħin stess. Stqarr miegħi fost emozzjonijiet kbar kif il-balal intenzjonati lejh għaddew żbrixx minn fuq rasu u ma jafx kif, jew forsi aħjar, b'miraklu, hu kien li baqa' ħaj.

Tassew li fostna, madwarna, għad għandna nies li jien insejħilhom, il-Qaddisin ta' żminijietna. Persuni li b'ħafna kuraġġ, fidi, tama u mħabba taw ħajjithom għall-imħabba tal-oħrajn. Persuni li minkejja dan kollu, qatt ma ngħataw xi midalja jew ġieh, jew xi forma oħra ta' rikonoxximent. Għax jemnu u konvinti li l-bniedem mhux ta' din id-dinja!



# Arti

## *Art Club 2000* f'Tigne Point

**Mary Anne Zammit**

Artista u Kittieba

Bejn it-3 ta' Diċembru 2019 u 3 ta' Jannar 2020 ittellgħet wirja kollettiva ta' Arti ġewwa l-Foyer ta' Tigne Point. Ix-xogħol kien jinkludi tiżwiqa ta' Arti, kemm viżiva u skultura b'varjetà ta' xogħol u medja diversi.

Din kienet parti minn sensiela ta' esibizzjonijiet li ttellgħu din is-sena. Dawn kienu ġewwa Palazzo Notabile, Mdina, fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex u waqt il-festa tal-Mellieħa.

*Art Club 2000* ilu għaddej b'suċċess għal dawn l-aħħar għoxrin sena u l-iskop ewlieni hu li jinħoloq spazju sabiex jeduka u tingħata opportunità lil persuni ta' kull età sabiex jaqsmu x-xogħol tagħhom. L-iskop hu li tgħaqqad l-arti u ġġib flimkien artisti, kemm dawk stabbiliti u kemm dawk ġodda. Sabiex fl-aħħar mill-aħħar jesebixxu għal udjenzi wiesgħa.

Ma' dan ukoll jiġu offruti korsijiet ta' *crafts* fejn madwar 70 studenti intbagħtu barra minn xtutna biex jistudjaw *Afresco* l-Italja u l-Polonja. L-aħħar opportunità kienet f'Ruma fejn permezz ta' fondi, 9 artisti ingħataw l-opportunità li jattendu għal *workshops* ta' mużajk, ċeramika u skultura rispettivament.








L-istess Club ġie fdat ukoll li jieħu ħsieb il-Mużew Tunnara fil-Mellieħa. Dan jinkludi diversi stadji mill-istorja ta' Malta, inkluż fortifikazzjonijiet mill-Kavallieri ta' San Ġwann u ta' Malta taħt l-Imperu Ingliż.

# The Child Protection Directorate

All children ought to live happy lives. It is the construct that many of us treat as reality in our world. Most unfortunately, this ideal fails to capture a fraction of the child population that does not enjoy the same degree of joy and serenity that we seem to want for our children. It is for this reason that services like the Child Protection Services exist.

Nowadays, the Maltese Islands are equipped with a directorate that specialises in investigations of child abuse, maltreatment and neglect. Our country has only recently seen a breakthrough in what is the realm of children services, following a successful enactment of the Minors' Protection (alternative care) act; a document that has eluded policy makers and drafters of the law for many decades.

It has now arrived, and with it a number of important departments and offices have been established and embellished with specific powers that authorises them to take the necessary action to protect the minors.

The Child Protection Services is one of those establishments. The task of the director, and therefore the whole department, is to receive and investigate any report about an alleged abuse. Through highly technical and specialised interventions, the professionals that operate this service meticulously analyse the evidence gathered through a forensically designed process with the scope of establishing the presence of abuse in the life of a minor.

It is with this information that professionals then embark on a second phase of the child protection process; a phase which is dedicated to the design of a care plan that centres around the needs of the particular child.

In line with the spirit of the act, all care plans are loyal to a set of founding principles that serve as the bedrock to all actions under the auspice of this act. The primary principles include; expediency; participation of the minor; and due process.

Any plan will in some way display an integration of these principles, as professionals attempt to enhance the security and the serenity of the minor who is considered at risk. It must be stated, that there are occasions where the future of these children may not be with their families of origin, due to unsuccessful movement towards meaningful change in their lives.

**Steve Libreri**

Director
Child Protection Services



However, the priority of the service, given by people like the Foundation for Social Welfare Services and that of the Ministry for Family, Children's Rights and Social Solidarity, is to keep families together where possible.

Any individual who believes that they are aware of a situation of abuse may file a report at any police station or by visiting the Child Protection premises at 220, Cannon Road Santa Venera. The CPS also receive reports through the official support line 179 operated by Agenzija Appogg.



# Meta t-talent jintiret

## Intervista ma' Marylin Attard

**Mary Anne Zammit**

Artista u Kittieba

Il-Feniċi kienu jużawh u b'xorti tajba, li ġej għadu jintuża sal-lum. Qed nitkellem fuq il-Filigranu li, dwar din is-sengħa intervistajt lil Marylin Attard li qegħdha ssegwi l-passi ta' missierha, Anthony Attard.

Ix-xogħol tal-Filigranu jinħadem mill-metall prezzjuż, l-aktar komuni l-Fidda. Ix-xogħol jiġi magħmul minn wire li bih jiġi fformulat ornament jew ġollerija. L-ewwel jintuża l-fil ta' barra ta' ħxuna differenti. Hemm il-vultar għat-tifsila ta' barra waqt li għal ġewwa jintuża fil doppju iżda irqaq, imsejjaħ rizzol.

Ir-Rizzoll huma żewġ fili mdawwrin u skaċċati. Ix-xogħol tat-tifsil u l-mili jsir permezz ta' burżella li għandha xejra ta' pinzetta. Jsiru disininni differenti, eżempju bħal fjura jew farfett.

Meta jinħadem ix-xogħol tingħata attenzjoni partikolari dwar kif issir id-disinn sabiex filwaqt li tinżamm il-forma mixtieqa, eżempju farfett, jiġu applikati ukoll il-prinċipji bażiċi tal-mili tal-filgranu.

Fil-fatt hemm prinċipji bażiċi tar-rizzol li wieħed kemm jista' jkun jipprova juża. Dawn huma skartoċċ matt, ġenwiża, għajn u ġorn, jew lewża. Meta ma jkunx possibbli li dawn jintużaw, l-artiġjan jaddatta għal forma meħtieġa.

Tajjeb jingħad li l-fil dejjem jinħadem kument, iġifieri fuq ġenb. Imbagħad jiġi isaldjat kollox. Għal-isaldjar tintuża fidda b'purità inqas mħallta mal-burax sabiex meta titqiegħed l-fjamma din tgħaqqad kollox flimkien.

L-oġġett ikun kemxejn iswed wara li jiġi ssaldjat, l-aktar minħabba l-burax. Għaldaqstant ikun imiss stadju ieħor ta' tindif u ilustrar. L-oġġett jitnaddaf fl-aċtu jew prodott ieħor simili sabiex titneħħa l-impurità kollha u tibqa' l-fidda biss.

Finalment ikun jonqos il-proċess tal-illustrar. Dan isir billi l-oġġett jitqiegħed ġewwa magna ddur bil-boċċi tal-ħadid, simili għall-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ imma fuq skala ħafna iżgħar. Dawn il-boċċi jħokku mal-oġġett u jagħmluh ileqq.



Marilyn tgħid li hi twieldet u għexet fis-sengħa tal-filigranu. Missier Marilyn kien wieħed mill-aktar arteġjani rinomati ta' dawn il-gżejjer. Anthony Attard kien ilu jagħmel ix-xogħol tal-filigranu sa mill-1965 u baqa' jaħdmu sa ma' miet fl-2017.

Fit-52 sena li għamel jaħdem il-filigranu Anthony dejjem għamel ħiltu biex iżomm din is-sena ħajja. Dan billi kompla jiżviluppa disinni aktar moderni, introduċa flimkien ma' martu l-kulur mħallat mal-filigranu, ħallat il-filigranu mal-ħaġar prezzjuż u għallem u ħeġġeġ ħafna nies jitgħallmu s-sengħa.

Tul il-karriera tiegħu Anthony ħadem ukoll diversi biċċiet li nxtraw minn ħafna nies minn madwar id-dinja kollha. Inktibu divesi artikli, kemm lokalment, kif ukoll barra minn Malta dwaru.

Saħansitra dwar dan insibu kitbiet u ritratti fi ktieb Ġappuniż. Attard ħadem ukoll fuq oġġetti tal-filigranu sabiex jintużaw f'attivitajiet lokali bħal CHOGM. Ħadem ornament sabiex jingħata lil Prinċipessa Kate, kif ukoll ipproduċa xogħlijiet fi knejjes u għad-delettanti tal-knejjes, inkluż xogħol ta' restawr fuq oġġetti li jmorru lura għal żmien il-kavallieri.
Fl-2016 Anthony Attard kien ingħata l-unur prestiġġjuż tal-Artiġan tas-sena.

Bi tbissima, Marilyn tkompli li missierha kien dejjem iżommha 'l bogħod minn din is-sengħa għax xtaqha li qabel xejn tkompli l-karriera tal-istudju.

L-ewwel xogħol ta' Marilyn kien proġett dwar l-*aesthetics* fis-*Systems of Knowldge* fejn ħadmet l-ittri tal-inizjali ta' isimha fuq stil barokk permezz tal-filigranu.

"Jiena kburija b'dak li għamel missieri u meta nkun qed nagħmel dan ix-xogħol nemmen li nkun qed inżomm parti minnu ħajja. Jiena wriet din is-sengħa u nħossni fid-dmir li nagħmel ħilti kollha biex nżommha ħajja għaliex fl-aħħar mill-aħħar hi wkoll parti mill-patrimonju Malti; s-sengħa tal-filigranu hi waħda mill-eqdem snajja' ta' pajjżina.



Jiddispjaċini li minħabba f'diversi impenji ma nistax nagħti aktar ħin f'dan il-qasam iżda qed nagħmel l-għalmu tiegħi possibbli. Napprezza x-xogħol bl-idejn  għax meta l-artiġan qiegħed joħloq xi ħaġa bl-idejn, hemm ċertu spontanjetà li tirrifletti parti mill-artiġan stess. Għaldaqstant inħeġġeġ lin-nies sabiex jesploraw u jitgħallmu s-snajja' Maltin għaliex b'hekk biss nistgħu nżommuwhom ħajjin"



# Instant translation tools a few clicks away

**Joyce Grech**

Assistant Director
(Policy Development and
Programme Implementation)

Translation of all EU documents into the official languages is a way of communicating in a more open and transparent way with citizens within the European Union. Language is a cultural expression which the European Commission is committed to preserving, but this also creates financial challenges in translation costs that need to be addressed. In 2019, the European Commission translated 2.2 million pages of text at a cost of 325 million euros or 0.2% of the total European Union budget.

eTanslation is an automated translation platform developed by the European Commission which assists the European and national public administrations in their daily linguistic needs, helping users to increase efficiency, save time, and reduce translation costs.

This platform is available, free of charge, to any public official working within any EU public administration. For more information about eTranslation and to start using eTanslation, please visit the following link: https://webgate.ec.europa.eu/etranslation/public/welcome.html.

The European Language Resource Coordination (ELRC) organizes on-site assistance visits in the respective Member States, where Ministries and other entities are provided with the opportunity to learn more about eTranslation, language resources, and language technology platforms for public administrations which are flexible and adaptable to the needs of different eGovernments and institutions.

On the 31 of January 2020, MFCS hosted an on-site visit by Tilde in their capacity as Regional Coordinators of the European Resource Language Coordination (ELRC). The delegation was led by the ELRC National Anchor Points for Malta, Dr Donatienne Spiteri from the Legislation Unit, Office of the State Advocate and Mr Michael Rosner, Senior Lecturer within the Department of Artificial Intelligence at the University of Malta. Mr Andrejs Vasiljevs and Mr Arturs Vasilevskis, Executive Chairman and Head of Machine Translation solutions respectively, represented Tilde.

The Ministry was represented by Mr Grazio Barbara (Director General, Social Security), Mr Raymond Chetcuti (Director General, Income Support and Compliance), Mr Jonathan Silvio and Ms Joyce Grech (Director and Assistant Director, Policy Development and Programme Implementation respectively), Mr Jean Paul St John and Mr Philip Cachia (ICT Officers, Information Management Unit) and Ms Darlene May Gauci (Manager II (Research), Research, Policy and Operations Division).

The meeting presented the opportunities provided by the European Union when it comes to enabling high quality digital support for all EU languages and understanding better the needs of public administrations and eGovernments in EU Member States with regard to multilingual information.

Machine translation and other language technologies are invaluable tools for the public sector to reach out and connect with its various constituents in a cost effective and secure way, reducing time and costs of translation along the process.

These tools operate using big data and artificial intelligence. Within this context, it is essential that, Malta

collectively joins forces in supplying documents in Maltese to a common repository in order to teach the system and improve its output accuracy.

The meeting focused on two main translation platforms. First, the EU Council Presidency translation platform for the Presidency of the Council of European Union, combines two translation services: eTranslation, which supports translation for all EU official languages; and the custom machine translation systems for the language of the Presidency hosting country.

This translation platform supports full text documents, text snippets, and web page translation. The second platform, Hugo.lv is an eGovernment Language Technology Platform providing instant translation of texts, documents, websites, on-line CAT tool with a built-in Translation Memory (TM), web site translation, speech recognition and speech synthesis, terminology portal and language data storage, analytics, and data exchange functionality.

Following this initial meeting, the Policy Development and Programme Implementation Directorate  held  a




series of seminars during the months of March and April for Ministry personnel to delve deeper into the language tools available and also the contribution that can be made on the part of the Ministry to increase the repository of documents in the Maltese language.

The Ministry is furthermore committed towards maximizing the potential offered by these linguistic tools by collaborating closely with the ELRC Malta in order to address specific requirements through on-site advice across  the Ministry. urther information may be obtained by writing to Ms Joyce Grech, Assistant Director, Policy Development and Programme Implementation on e-mail: joyce.a.grech@gov.mt.



# Il-Personalità ta' 'Familja'

## Is-Sa Sandra Hili Vassallo

**Peter Miceli Saydon**

Prinċipal

Jisimni Sandra (Catherine) Hili Vassallo u għandi 51 sena.

Jiena mir-raħal taż-Żurrieq imma llum il-ġurnata noqgħod Birkirkara, jew aktar speċifikament Fleur-de-Lys.

Irċevejt l-edukazzjoni tiegħi u studjajt fl-*Immaculate Conception* ta' Ħal Tarxien, fis-*Sixth Form* tal-Imsida, u fl-Università ta' Malta.

Studjajt il-Liġi mill-1987 sal-1993, għamilt żewġ *Masters* fl-1995 u reċentement fil-2017.

Inqis lili nnifsi bħala persuna introverta imma soċjevoli, determinata imma mhux rasi iebsa.

Fil-*Policy Development and Programme Implementation* fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali nagħmel xogħol relatat mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja




u l-konvenzjonijiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' diversi suġġetti fosthom it-tfal. Għadu kif intemm fil-fatt proċess dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-qasam tal-*policy making* li tiegħu kont koordinatur.

Jiena miżżewġa lil Pierre Hili u għandna żewġt itfal, Nayeli (16-il sena) u Mireya (14-il sena)

Inħobb naqra, nikteb, ngħum (fis-sajf biss), nimxi fil-kampanja (fix-xitwa biss), insajjar u nisma' l-mużika (*rock, indie*).

Meta kelli 8 snin ktibt l-ewwel poeżija u minn dakinhar bqajt nikteb. Għandi ippubblikati erba' kotba għat-tfal u diversi stejjer qosra għall-kbar li ġew ippubblikati f'rivisti fosthom LEĦEN Il-MALTI.

Jiena membru tal-Istitut ta' Riċerka dwar it-Tfulija li jagħmel parti mill-Fondazzjoni Maltija għal-Ġid tas-Soċjetà u nagħti xi lekċers l-Università.

Il-jum tipiku tiegħi ngħaddih niġri wara l-ħin u l-ħin jiġri warajja.

Fi tmiem il-ġimgħa nipprova ma niġrix daqshekk wara l-ħin u nsib ċans nistrieħ u nagħmel l-affarijiet li jogħġbuni.

Kieku kelli nirbaħ miljun ewro l-ewwel inġib kejk kbir għall-kollegi kollha imbagħad insiefer, imbagħad naħseb niftaħ restorant żgħir u noqgħod insajjar.

L-ikla favorita tiegħi hija platti bil-ħut u *seafood* u ħaxix u *nuts* u spajsis u ... l-ħelu ...

Żort diversi pajjiżi fosthom Il-Messiku, il-Marokk, it-Turkija, l-Istati Uniti. Għoddejthom jiġu 25 pajjiż, uħud aktar minn darba jew għext fihom.

Nammira l-aktar nies li jgħixu ħajja kwieta u jagħmlu affarijiet kbar..., imma nsemmi b'mod partikulari l-Papa Franġisku.

Il-ħolma ta' ħajti hija li nara n-*Northern Lights,* li nitla' f'hot air balloon, u li nirbaħ il-*Booker Prize.*


STOP NOVEL CORONAVIRUS
COVID-19 (Coronavirus Disease 2019)
Practice good personal hygiene
10 STEPS TO CLEAN YOUR HANDS
1 Wet hands with water
2 Use soap
3 Palm to palm
4 Fingers interlaced
5 Back of hands
6 Base of thumb
7 Fingernails
8 Rotationally rub wrists
9 Rinse hands with water
10 Dry hands with towel
Stay home if you are sick
AVOID touching your face with your hands
WASH your hands regularly with soap and water
Soap
Health Promotion & Disease Prevention Directorate
COVID-19 Helpline +356 21 324 086

# Peter's Kitchen



**Marisa Vella**

Operations Executive

## Granola Bars No Bake

35 gr tamal
10 gr ġunġlien
10 gr pumpkin seeds
40 gr lewż
15 gr sultanas
40 gr għasel/agave syrup
30 gr peanut butter
60 gr oats

Ixwi l-oats f'taġen bi ftit fry light u ħawwad spiss biex ma jeħilx u ma jinħaraqx. Idħan it-tamal fil-food processor. Itfa flimkien l-oats, tamal, lewż u sultanas u ħawwad u wara itfa il-pumpkin seeds.

Ġo kazzola saħħan il-peanut butter u l-għasel sakemm jinħallu u itfa mat-taħlita u ħawwad sew.

Poġġi ġo dixx fuq karta forno u poġġi fil-fridge għal xi nofs siegħa. Aqsam f'xi 6 biċċiet.

## Banana and apple cake

4 banana mgħaffġin
2 tuffieħat mqatta żgħar
200 gr sultanas
1 tspn cinnamon
2 kuċċarini baking powder
Vanilla essence
6 tspn truvia sweetener
500 gr oats
4 bajdiet
Tazza almond/skimmed milk

Ħallat kollox ġo bowl u aħmi

## Breakfast Oat Bars

1 cup oats
Orange zest (optional)
1 cup raisins or cranberries
½ cup pumpkin seeds
Some brazil nuts or almonds
½ cup coconul oil melted and mixed with
1 cup Golden syrup
½ cup almond/skimmed milk

Mix everything together and bake in oven

## Weetabix Bars

5 weetabix
1 cup pitted dates
½ cup coconuts
½ cup sunflower seeds
1 tbsp dark cocoa
Some honey
Water or milk

Ħallat kollox u għaqqad bil-ħalib. Poġġi ġo dixx u ħallieħ fil-fridge overnight

# Word Search

**Peter Miceli Saydon**

Prinċipal

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | C | O | R | I | A | N | D | E | R | U | E | B | C | O |
| M | A | R | J | O | R | A | M | E | M | A | S | E | S | R |
| D | E | P | E | P | P | E | R | M | I | N | T | F | G | E |
| H | C | H | I | L | I | E | C | I | R | O | C | I | L | G |
| H | O | R | S | E | R | A | D | I | S | H | I | J | E | A |
| K | L | C | A | R | A | W | A | Y | M | N | O | P | M | N |
| Q | C | R | N | S | T | U | N | V | W | A | I | P | O | O |
| B | I | X | I | B | E | R | G | A | M | O | T | A | N | T |
| A | L | L | S | P | I | C | E | Y | N | Z | A | P | G | H |
| S | A | J | E | M | A | H | L | Z | U | C | U | R | R | Y |
| I | N | S | A | G | E | I | I | A | T | H | Q | I | A | M |
| L | T | Q | I | K | E | C | C | U | M | I | N | K | S | E |
| M | O | M | T | U | G | O | A | G | E | V | H | A | S | A |
| N | G | I | N | G | E | R | I | K | G | E | I | L | Y | I |
| F | E | N | N | E | L | Y | P | A | R | S | L | E | Y | L |

ALLSPICE, ANGELICA, ANISE, BASIL, BERGAMOT, CARAWAY, CHICORY, CHILI, CHIVES, CILANTO, CORIANDER, CUMIN, CURRY, FENNEL, GINGER, HORSERADISH, LEMONGRASS, LICORICE, MARJORAM, NUTMEG, OREGANO, PAPRIKA, PARSLEY, PEPPERMINT, RUE, SAGE, SESAME, THYME.

Did you hear about the crook who stole a calendar? He got twelve months.

Q. What is the difference between ignorance and apathy?
A. I do not know and I do not care.

So what if I do not know what "Armageddon" means?
It is not the end of the world.

I hate Russian dolls; they are so full of themselves.

I have clean conscience. I have not used it once until now.



What my girlfriend thought, first four dates:
1. Nice shirt.
2. Wow. A second nice shirt.
3. OK, first shirt again.
4. He has two shirts.

# Sudoku

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 5 | 9 | 6 | 8 | | | | |
| | 6 | | | | | | 5 | |
| | | | 2 | | | 6 | 9 | |
| | | | 3 | 6 | | 1 | | |
| | | 5 | 4 | 1 | 8 | 9 | | |
| | | 1 | | 2 | 7 | | | |
| | 7 | 2 | | | 6 | | | |
| | 1 | | | | | | 8 | |
| | | | | 9 | 1 | 5 | 3 | 2 |

# Kompetizzjoni bi Premju

## GĦAT-TFAL

Kif intkom tfal?... L-aħħar li ltqajna kien f'Diċembru. Nittamaw li kellkom Milied mill-isbaħ u li sibtu ħin biex taqraw ftit però biex tiddevertu wkoll. Issa li ninsabu fi żmien l-iskola u qed nersqu bil-mod lejn l-eżamijiet tal-aħħar, jinħtieġ nimpenjaw ftit irwieħna, forsi ftit aktar mis-soltu.

Dejjem inżommu f'moħħna li dak li qed nagħmlu llum se nsibuh għada u fil-kumplament ta' ħajjitna. Jekk il-ħin jitqassam b'għaqal, il-btajjel tas-Sajf li ġej jistgħu jkunu ferm aktar sbieħ u ta' sodisfazzjon, kemm għal ġenituri tagħkom, però anke għalikom stess.

Illum ħsibt biex il-kompetizzjoni tkun dwar l-arti u l-kultura. Li nixtieqU mingħandkom tfal hu dan. Iktbulna dwar liema attivitajiet kulturali ħadtu sehem fihom reċentament jew postijiet li żortu li jagħmlu parti mill-istorja ta' Malta, u x'tgħallimtu minn dak li rajtu?

## GĦALL-KBAR

Kif intom ħbieb?... Permezz tal-magazine, 'Familja' qed inkomplu l-kampanja tagħna, 'Aqra Ktieb'.

Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nħajru lil uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax ikunu qraw ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz ewlieni kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.

Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Fil-bidu ta' din is-sena, mid-dekasteru tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali tneħħa qasam li issa sar Ministeru għalih. Liema hu dan il-qasam u f'hiex jikkonsisti ? Il-persuna rebbieħa se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.



Agendabookshop

**Ibagħtu r-risposti tagħkom fuq:**
**familja.media@gov.mt**

**jew fl-indirizz:**
**Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali,**
**Tonio Bonello, Uffiċċju tal-Komunikazzjoni**
**4th Floor, MFCS, Palazzo Ferreria, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta**
**sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 12 ta'Mejju 2020.**
**Permezz ta' din il-kompettizzjoni tistgħu tirbħu erba' kotba sbieħ (tnejn għall-kbar u tnejn għaz-zgħar) mill-ħwienet ta' Agenda.**